MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 585/2011/1

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**vs**

**Martin Vella (ID. 547765M)**

Il-Qorti

Rat li it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-18 ta' Frar 2013 ippronunzja s-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-15 ta' Lulju, 2011 u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf mija sitta u tletin euro u disgha u disghin ċenteżmi (€1,136.99) u dan wara li ppremettiet hekk: 'Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' elf mija sitta u tletin euro disgha u disghin ċenteżmu (€1,136.99) in konnessjoni ma servizz/i ta'

komunikazzjoni, numri tal-kont A/C51010587, moghtija mis-socjeta attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt ittrattazzjoni ta' din il-kawza. Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas iżda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali mibghuta ai termini tal-Art.166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 4 ta' Frar 2011 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-istess ittra uffiċjali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghassubizzjoni.'

Ra r-risposta tal-intimat minnu mressqa fl-10 ta' Awwissu, 2011 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba rikorrenti:- '1. Illi parti mill-kont mitlub jirreferi ghall-uzu tas-servizz barra minn Malta dwar liema mpjegati tas-socjeta rikorrenti kienu qalulu li ma kienx hemm spejjez addizzjonali peress illi l-kuntratt li kellu kien ikopri dan isservizz. Wara applikawlu rata ghas-servizz moghti barra minn Malta. 2. Illi l-kont qatt ma gie ġustifikat minkejja li l-esponent kien talab spjegazzjoni ghal darba darbtejn. 3. Illi s-socjeta attriċi kienet qalet li qed taghmel id-debita verifika pero r-rizultat ta' din il-verifika qatt ma saret jew jekk saret qatt ma waslet ghandu u minflok huwa rċieva l-ittra uffiċjali taht l-artikolu 166A tal-Kap.12 li huwa kkontesta. Bl-ispejjez.'

Ra l-verbali datati 30 ta' Ottubru, 2012, 7 ta' Jannar, 2013 u 11 ta' Frar, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' €1,136.99 u dan in konnessjoni ma uzu ta' servizz ta' telekomunikazzjoni moghtija minnha lill-intimat fuq il-kont bin-numru A/C51010587. L-intimat da parti tieghu jghid li huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta rikorrenti l-ghaliex il-kuntratt li kellu kien ikopri s-servizz li ghalih kien applika

u ghalhekk, meta huwa uza s-servizz ta' telekomunikazzjoni barra minn Malta, huwa kien kopert bil-ftehim iffirmat bejnu u bejn is-socjeta rikorrenti. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti kienet skorretta meta applikat fil-konfront ta' l-intimat rati differenti minn dawk miftehma, meta huwa uza s-servizz barra minn Malta. L-intimat stqarr ukoll li s-socjeta rikorrenti qatt ma ġustifikat il-kont mieghu minkejja li huwa talab spjegazzjoni ghal darba darbtejn.

Ikkunsidra:

Illi fis-seduta tal-20 ta' Gunju, 2012 xehdet Simone Ellul, li tahdem fil-credit control section tas-socjeta' rikorrenti. Hija kkonfermat li l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mija u sitta u tletin ewro u disgha u disghin centezmi ta' ewro (€1136.99), liema ammont huwa dovut ghas-servizz ta' mobile Blackberry Curve. Dan l-ammont ta' €1,136.99, tkompli tghid din ix-xhud, huwa maqsum hekk: i. €866.99 bhala spejjez tal-uzu tas-servizz (ara Dok.SM1 a fol. 22); ii. €270 huwa l-ammont tal-Blackberry li kien ha l-intimat mal-bidu tal-kuntratt. Dan l-ammont huwa dovut peress illi l-kuntratt ma giex onorat fl-intier tieghu u qed nipprezenta dokument f'dan is-sens li qieghed jigi mmarkat dokument SM2 a fol. 23.

Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tghid li "l-ammont tela' kif tela' minhabba l-uzu li kien qieghed jaghmel ilkonvenut mill-mobisle waqt li kien jinsab barra minn Malta" (fol. 20). Ziedet tghid ukoll li "Wara li l-klijent jeccedi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt f'dan il-kas certu ammont ta' hin li kellu b'xejn mat-tariffa li tapplika tal-pay monthly twenty allura mbaghad jibdew japplikaw tariffi ohrajn" (fol. 20).

In kontro-ezami, x-xhud esebiet il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, liema kuntratt gie mmarkat bhala dokument SM3.

Meta ġiet mistoqsija tghid x'rati kienu ntużaw mis-socjeta minnha rappreżentata biex gie kkalkolat l-uzu u konsum tal-intimat waqt li dan kien fl-esteru hija tghid li ma kienitx f'posizzjoni li tirrispondi ghal dan f'din is-seduta. Hija tghid

pero li wara li kien avvicinahom l-intimat, huma kienu vverifikaw r-records taghhom ma’ l-istess intimat u qablu li r-rati kienu korretti.

Meta ġiet mistoqsija jekk hemmx credit limit fuq dan il-kuntratt, ix-xhud wieġbet u qalet li “fuq l-application form tat-2 ta’ Marzu 2010 hemm credit limit ta’ €175” (fol. 21).

Qalet ukoll li “l-€175 credit limit huwa dwar il-kont kollu mhux dwar xahar partikolari jew telefonata partikolari u ghalhekk jekk xi hadd jaghmel elf lira telefonati f’xahar huwa permessibbli galadarba dawk il-calls issiru qabel ma jinhareg il-kont” (fol. 21).

Qalet ukoll li l-ahhar kont li nhareg mis-socjeta’ rikorrenti kien f’Settembru, 2010 u kien jirreferi ghal-Awwissu, 2010. F’dan ix-xahar, tghid ix-xhud, kien hemm kera biss.

Meta ġiet mistoqsija l-ghala baqghu johorgu l-kontijiet meta f’Lulju, 2010 l-intimat talab li s-servizz jieqaf hija qalet li “r-request for termination ma ghandix, generalment bniedem biex jaghlaq servizz ikun irrid jaghmel il-payments tal-kontijiet pendenti li ghandu u jittermina sservizz billi jimla formola”.

Ix-xhud qablet ma dak li gie suggerit lilha li f’xi hin is-servizz kien waqaf u dan peress li l-intimat ma kienx qieghed ihallas il-kontijiet. B’referenza ghall-ammont ta’ €21.97 ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti qalet li dan huwa adjustment mill-kont ta’ Awwissu tal-2010 dan peress illi l-kont tal-kera ta’ Awwissu 2010 hareg fl-ammont kollu meta fir-rejalta’ kellu jkun inqas ghax twaqqaf is-servizz f’nofs ix-xahar ta’ Awwissu peress illi l-intimat ma kienx qed ihallas il-kontijiet (Ara document SM1).

Fis-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2012 xehed Anthony Slater bil-lingwa Ingliza. Huwa spjega li xogholu huwa ta’ manager commercial roaming mas-socjeta rikorrenti. Ix-xhud qal li “I have investigated the claim being made by the defendant that roaming charges were charged by our company more than they should have been and I can

state that this is not correct” (fol. 29). Ix-xhud stqarr ukoll li t-tariffi li s-socjeta rikorrenti żammet lill-intimat kienu l-istess tariffi indikati mill-Malta Communications Authority fid-dokument li huwa esebixxa u mmarka bhala dok. AS1. Ix-xhud esebixxa ukoll sitt dokumenti li juru l-ammonti dovuti mill-intimat. Dawn gew immarkati bhala dok. AS2 sa dok. AS7.

Meta gie mistoqsi dwar l-uzu tat-telefon barra minn Malta dan ix-xhud qal li skond id-dokumenti minnu esebiti kien hemm diversi granet li fihom l-intimat ghamel uzu mill-mobile sabiex ikun jista jikkomunika barra minn Malta kif ukoll ghamel uzu mill-istess mobile waqt li huwa kien barra minn Malta. Dawn id-dati jinkludu: i. Bejn l-20 ta’ Marzu, 2010 u t-22 ta’ Marzu, 2010 (ara paġna 6 ta’ dok. AS2). L-uzu f’dan il-perjodu skond ma jirrizulta minn paġna sitta (6) ta’ dan id-dokument kien sar mill-Italja. ii. Bejn il-11 ta’ April, 2010 u d-19 ta’ April, 2010 (ara paġni 5 u 12 ta’ dok. AS3). L-uzu f’dan il-perjodu skond ma jirrizulta minn paġna hamsa (5) ta’ dan id-dokument kien sar mill-Ingilterra, minn Franza u mill-Italja. Kien hemm ukoll incoming calls minn networks barranin. iii. Bejn is-16 ta’ Mejju, 2010 u t-22 ta’ Mejju, 2010 (ara paġni 4 u 6 ta’ dok. AS4). L-uzu f’dan il-perjodu skond ma jirrizulta minn paġna erbgha (4) ta’ dan id-dokument kien sar minn Cipru u mill-United Arab Emirates. Kien hemm ukoll incoming calls minn network minn ġewwa l-United Arab Emirates u dan skond ma jirrizulta minn paġni hamsa (5) u sitta (6) ta’ dan id-dokument.

Fis-seduta tad-9 ta’ Lulju, 2012 xehdet Corinne Fenech, Back Office Manager mas-socjeta rikorrenti. Ix-xhud spjegat li hi tiehu hsieb il-bill queries support. Hija qalet li l-intimat kellu kuntratt maghruf bhala pay monthly twenty. Is-socjeta rikorrenti permezz ta’ dan il-kuntratt toffri tlett bundles lill-klijenti u l-klijent ikun irrid jaghzel wahda minnhom. Ix-xhud tghid li l-intimat ghazel l-all networks bundle li jaghtih sittin minuta b’xejn ghar-rigward ta’ telefonati lokali. Hija esebiet kopja tal-application form flimkien ma’ addendum to subscription order u t-terms and conditions ta’ dan il-kuntratt. Dawn gew immarkati komplessivament bhala Dok. CF1. Kompliet tghid li “t-

termini u lkundizzjonijiet fuq wara ta’ dik is-subscription order form u cioe l-klawsola numru 4,5,6 u 7 jispjegaw kif jahdmu lbundles u x’inhuma l-options li ghandu l-klijent” (fol. 70). Meta giet mistoqsija in kontro-ezami dwar il-credit limit li hemm immarkat fuq l-ewwel faccata tad-dokument CF1 u li kienet ghadha kif pprezentat l-istess xhud, hija qalet li “dak il-limit qieghed hemmhekk biex jaghti dritt lis-socjeta minni rapprezentata li taqta l-linja jekk jidhrilha li jkun il-kas pero mhuwiex awtomatikament xi haga li jigri” (fol. 71). Ziedet tghid li “llum il-gurnata wkoll nibghatu SMS biex ninfurmaw lill-abbonati taghna illi jkunu lahqu l-credit limit pero ahna u dan ghar-rigward tar-roaming” (fol. 71). Meta giet mistoqsija jekk elf u mitejn euro huwiex xi alarm biex is-socjeta minnha rapprezentata taqta l-linja hija wiegbet fin-negattiv. Hija qalet li huma jkunu raw ukoll il-credit history tal-individwu.

Ghar-rigward tal-kuntratt, ix-xhud qalet li “meta l-klijent ikun gie jiffirma l-kuntratt naghtuh kopja u ghalhekk huwa wkoll ikollu kopja tal-kuntratt” (fol.71).

Fis-seduta tad-9 ta’ Ottubru, 2012 xehed l-intimat. Huwa beda biex ighid li meta ffirma l-ewwel kuntratt huwa kien mar gewwa c-centru tas-socjeta’ rikorrenti f’Rahal Gdid. L-intimat ighid li dan il-kuntratt huwa kien iffirmah “lejliet l-ewwel tas-sena” (fol. 79), u li huwa kien intrabat li jhallas “madwar hamsin (€50) fix-xahar u dak il-kuntratt kien jintitulani li naghmel il-calls kollha b`xejn” (fol. 79). L-intimat kompla jghid li r-rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti ma kienux spjegawlu l-kundizzjonijiet ezatt u x’kienu jimportaw dawk il-kundizzjonijiet minkejja li dak in-nhar li ffirma l-kuntratt huwa dam “nofs ta` nhar hemmhekk” (fol. 79). Jispjega li “jiena ma kontx naf li jekk insiefer u nuza l-mobile ridt inhallas extra, fil-fatt kont ghidtilhom li kellhom jaghtuni credit terms ta` ninety days u dan il-fatt accetawh huma u kellhom jaghtuni wkoll rebate fl-ahhar tax-xahar skont il-calls li naghmel jigifieri, jekk jiena ma kontx nuza l-ammont kollu tal-kreditu li jiena kont qieghed inhallas allura fl-ahhar tax-xahar kellhom inaqqsu dan l-ammont mit-telefonati li nkun ghamilt” (fol. 79). Kompla jghid li “Biex inkun preciz jew fl-ahhar tax-xahar jew fl-ahhar tas-sena” (fol. 79). L-intimat jghaddi

biex jaghti ezempju ta’ dan l-arrangament li huwa jghid li kien intlahaq mas-socjeta rikorrenti. Jghid “jekk jiena kelli kuntratt ta` hamsin ewro (€50) u kont nuza biss tletin ewro (€30) minnu dak fix-xahar allura d-differenza ta` ghoxrin ewro (€20) kellhom jinqataw mit-telefonati li nkun ghamilt. Dan ifisser illi jekk fl-ahhar tas-sena kien se jkolli nhallas izjed minn dawk il-hamsin ewro (€50) dawk l-ghoxrin ewro (€20) li kellhom innaqsuli minn kont partikolari kellu jaghmel tajjeb ghaz-zieda li nkun ghamilt izjed mill-hamsin ewro (€50)” (fol. 79). L-intimat qal li s-socjeta rikorrenti taghtu telephone tat-tip BlackBerry u l-addetti taghha tawh kopja tal-karti kollha li huwa ffirma. Qal li huwa jsiefer regolarment fuq xoghol u allura kien ser ikollu bzonn juza t-telephone waqt li kien ikun barra minn Malta. 1 Ara dok. CF1 a fol. 72. Id-data fuq dak id-dokument hija 31 ta’ Dicembru, 2009. 2 Ara dok. CF1 a fol. 72. It-Tariff plan skond dan id-dokument hija “Pay Monthly 20 + All Networks Bundle.”

L-intimat kompla jghid li “kull xahar kont inhallas il-kont u qatt ma` kelli problemi, l-problemi mbaghad bdew jinqalaw meta jien kont nigi biex insiefer” (fol. 79-80). L-intimat, ighid, li kien staqsa lill-addeti tas-socjeta rikorrenti jekk huwa setax jiehu l-laptop tieghu barra minn Malta u f’kaz li juza s-servizz ta’ l-internet kienx ser jehel xi spejjez zejda u skond hu, dawn wiegbuh li le. Fil-fatt, huwa kien juza d-dongle biex jibghat xi emails mill-laptop tieghu. L-intimat qal ukoll li huwa qatt ma` kkontesta it-telefonati li saru mill-mobile tieghu waqt li huwa kien barra minn Malta u zied ighid li “Jiena nghid illi kont inkun over charged over and above dawk il-fifty euro (€50) (fol. 80). L-intimat qal li huwa accetta l-pakkett ta’ hamsin euro (€50) fix-xahar peress li fehem li “li nkun fejn inkun fid-dinja ma kienx ser jizdied aktar minn hekk l-ammont. Nuza telefonati, nuza l-internet dak kien l-ammont li jien ser inhallas u mhux izjed” (fol. 80). Kompla jghid li “lili kienu qaluli li bil-pakkett tieghi jien ma kontx ser nehel charges. Jiena minhabba f`hekk ma qrajthomx dawn il-kundizzjonijiet li kienu tawni meta ffirmajt” (fol. 80). Qal li meta beda jircievi l-ammonti in eccess ghal dak miftiehem l-ewwel kien cemplilhom imbaghad kitbilhom.

Qal ukoll li kien baghat hafna emails lis-socjeta rikorrenti biex jipprova jasal fi ftehim imma kien kollu ta’ xejn. Qal ukoll li huwa kien irritorna lura l-BlackBerry u d-dongle. Meta kien irritorna lura d-dongle, l-intimat qal li kien mar l-ufficini tas-socjeta rikorrenti flimkien ma’ l-Avukat tieghu Dr. Henry Antoncich. Ghar-rigward tal-BlackBerry u tad-dongle, l-intimat qal li huwa qatt ma inghata refund la ta’ wiehed u lanqas ta’ l-iehor. In kontro-ezami, l-intimat jistqarr li ghar-rigward “tad-dongle u tal-Black Berry ma kontx hallast taghhom kont ghamilt biss il-kuntratt. Mistoqsi ghala ridt ir-rebate la jiena ma hallastx taghhom nghid illi la jiena rritornajthom pretendejt li niehu rebate” (fol. 80).

Ikkunsidra ulterjorment: Fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia deciza fl-24 ta’ Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kienet tkellmet dwar l-apprezzament tal-provi u l-piz li ghandu jinghata mill-Qorti lil certu provi u liema ghandhom jigu skartati jew eliminati: “Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta’ l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita’ li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta’ l-‘in dubio pro reo’. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta’ opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta’ tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li “tot homines tot sententiae”, u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti ‘bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta’ vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f’perjodu twil ta’ snin, bhal f’dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b’hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m’ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg

verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza talprovi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti" 3 Ara ukoll f'dan is-sens George Bugeja vs Joseph Meilak, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2033 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u Gerald Desira et vs Joseph Barbara deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010 per Onor. Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

Inghad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn: (1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib ilprova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor); (2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta; (3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet.

Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat; (4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-

konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali
impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb 4 Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5; 5 Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577; logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza.

Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u rrazzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni.

Issa f'dan il-kaz, mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-intimat kien applika fil-31 ta' Dicembru, 2009 ghal tariff plan tat-tip Pay Monthly 20 + All Networks Bundle (dok. CF 1 a fol. 72). Skond dan il-ftehim, l-intimat ghazel Agreement Option 2 u cioe li jiehu skont ta' mitt euro (€100) fuq il-mobile tat-tip BlacBerry 8520. L-istess intimat iffirma, isfel nett f'dan id-dokument CF 1 a fol. 72 illi "I have read and understood the Terms and Conditions Overleaf". Wahda minn dawn il-kundizzjonijiet hija ntitolata:-"5. International Calls and Roaming 1. The International Calling and Roaming rates are as specified in GM's website. 2. All international and Roaming activity is charged over and above the free minutes/data usage included in the Tariff's monthly bundle, where applicable" (fol. 73).

Fit-2 ta' Jannar, 2010 l-intimat iffirma addendum to the subscription (dok. SM2 a fol. 23) u fit-2 ta' Marzu, 2010 reggha iffirma addendum to the subscription ohra (fol. 74).

Illi l-intimat jammetti, waqt id-deposizzjoni tieghu, li huwa accetta l-pakkett ta' hamsin euro (€50) fix-xahar peress li fehem li "li nkun fejn inkun fid-dinja ma kienx ser jizdied aktar minn hekk l-ammont. Nuza telefonati, nuza linternet dak kien l-ammont li jien ser inhallas u mhux izjed" (fol. 80). Kompla jghid li "lili kienu qaluli li bil-pakkett tieghi jien ma kontx ser nehel charges. Jiena minhabba f`hekk ma qrajthomx dawn il-kundizzjonijiet li kienu tawni meta

ffirmajt” (fol. 80) sottilenjar u enfazi tat-Tribunal. Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

Din id-dikjarazzjoni ta’ l-intimat ma tirriflettiex tajjeb fuqu. Jekk verament ma qarax it-termini u l-kundizzjonijiet li kien hemm mal-kuntratt, ma messu qatt iffirma dikjarazzjoni li huwa qara u fehem  it-termini u kundizzjonijiet li kien hemm fuq wara tal-kuntratt.

Oltre dan, jirrizulta li l-intimat waqaf ihallas il-kontijiet li s-socjeta rikorrenti kienet qeghda tibghatlu kull xahar minhabba li huwa beda jikkontesta l-istess u konsegwentement, l-istess soċjeta rikorrenti waqfet is-servizz li hija kienet qeghda taghtih.

Illi s-socjeta rikorrenti esebit a fol.22 tal-process (dok. SM 1) statement tal-kont tal-intimat pendenti sal-20 ta’ Gunju, 2012. It-Tribunal ivverifika l-kontijiet dettaljati li gew esebiti a fol. 34 sa 68 (dok. AS2 sa dok. AS 7) li huma:- i. €171.76 – dok. AS 2 (li jkopri l-perjodu 1 ta’ Marzu, 2010 sal-31 ta’ Marzu, 2010); ii. €306.99 – dok. AS 3 (li jkopri l-perjodu 1 ta’ April, 2010 sat-30 ta’ April, 2010); iii. €255.02 – dok. AS 4 (li jkopri l-perjodu 1 ta’ Mejju, 2010 sal-31 ta’ Mejju, 2010); iv. €72.79 – dok. AS 5 (li jkopri l-perjodu 1 ta’ Gunju, 2010 sat-30 ta’ Gunju, 2010); v. €41.20 – dok. AS 6 (li jkopri l-perjodu 1 ta’ Lulju, 2010 sal-31 ta’ Lulju, 2010); vi. €41.20 – dok. AS 7 (li jkopri l-perjodu 1 ta’ Awwissu, 2010 sal-31 ta’ Awwissu, 2010).

Jekk jinghaddu dawn il-kontijiet kollha (dok. AS2 sa dok. AS7) jiġi l-ammont ta’ tmien mija tmienja u tmenin euro u sitta u disghin ċenteżmi ta’ euro (€888.96). Fix-xhieda taghha, Simone Ellul, li tahdem fil-credit control section tas-socjeta rikorrenti xehdet li s-servizz tat-telefonija ta’ l-intimat twaqqaf f’nofs Awwissu, 2010 u konsegwentement, tnaqqset is-somma ta’ wiehed u ghoxrin euro u sebgha u disghin ċenteżmi ta’ euro (€21.97). Ghalhekk jekk mis-somma ta’ €888.96 jitnaqqas dan l-ahhar ammont ta’ €21.97 jigi l-ammont mitlub ta’ €866.99 fl-istatement (dok. SM1 a fol. 22) hawn fuq imsemmi.

It-Tribunal isibha diffiċli ferm li jemmen dak li qieghed jghid l-intimat fix-xhieda tieghu u cioe' li s-socjeta rikorrenti "kellhom jaghtuni wkoll rebate fl-ahhar tax-xahar skont il-calls li naghmel jigifieri, jekk jiena ma kontx nuza l-ammont kollu tal-kreditu li jiena kont qieghed inhallas allura fl-ahhar tax-xahar kellhom inaqqsu dan l-ammont mit-telefonati li nkun ghamilt" (fol. 79). Kompla jghid li "Biex inkun preciz jew fl-ahhar tax-xahar jew fl-ahhar tas-sena" (fol. 79). L-intimat jghaddi biex jaghti ezempju ta' dan l-arrangament li huwa jghid li kien intlahaq mas-socjeta' rikorrenti. Jghid "jekk jiena kelli kuntratt ta` hamsin ewro (€50) u kont nuza biss tletin ewro (€30) minnu dak fix-xahar allura d-differenza ta` ghoxrin ewro (€20) kellhom jinqataw mit-telefonati li nkun ghamilt. Dan ifisser illi jekk fl-ahhar tas-sena kien se jkolli nhallas izjed minn dawk il-hamsin ewro (€50) dawk l-ghoxrin ewro (€20) li kellhom innaqsuli minn kont partikolari kellu jaghmel tajjeb ghaz-zieda li nkun ghamilt izjed mill-hamsin ewro (€50)" (fol.79).

It-Tribunal ra t-tip ta' kuntratt li kien ghamel l-intimat, liema kuntratt ighid car li l-intimat ghazel Agreement Option 2 (a fol. 25) u cioe Phone discount of €100 (€20 Access Fee) u ghalhekk dan ma jhalli l-ebda lok ghal interpretazzjoni. Anke l-opzjoni l-ohra u cioe Agreement Option 1 ma kienitx tintitola lill-intimat ghal dan il-ftehim li huwa jghid li kien lahaq mas-socjeta rikorrenti. Din l-Agreement Option 1 tghid hekk "10% discount on usage on local calls and SMS when monthly usage is €20 greater (or more) than access fee chosen" (fol. 25).

In oltre, jirrizulta mid-dokumenti esebiti kemm mis-socjeta rikorrenti u kemm mill-istess intimat li t-tariffa tieghu kienet tat-tip Access Fee €20 u ghalhekk it-Tribunal jifhem li l-intimat kellhu kuntratt ta' €20 fix-xahar u mhux ta' €50 fix-xahar kif ighid.

Illi fl-ewwel eċċezzjoni tieghu, l-intimat ighid li "parti mill-kont mitlub jirreferi ghall-uzu tas-servizz barra minn Malta dwar liema mpjegati tas-socjeta rikorrenti kienu qalulu li ma kienx hemm spejjez addizzjonali peress illi l-kopja tal-kuntratt li kellu kien ikopri dan is-servizz. Wara applikawlu

rata ghas-servizz moghti barra minn Malta". It-Tribunal, minn qari ta' din l-eccezzjoni jifhem li l-intimat qieghed jammetti li huwa ghandu jhallas xi ammont mill-kont dovut pero ma jghidx kemm. Mid-dokumentazzjoni esebita (dok. AS 2 sa dok. AS7) jirrizulta s-segwenti:-
Item Marzu April Mejju Gunju Lulju Awwissu Charges for Rental Fees €46. €31. 64 €33. 90 €33. 90 €33. 90 €33. 90 Charges For Local Calls €89. 79 €67. 44 €24. 08 €21. 49 €0.0 0 €0.00. Charges For international Calls €0.0 0 €1.2 6 €0.0 0 €0.0 0 €0.0 0 €0.00. Charges for SMS €2.4 0 €5.5 0 €4.1 1 €4.5 0 €0.0 0 €0.00. Charges for Outgoing Calls, GPRS and SMS while Roaming €2.9 2 €125 .53 €84. 14 €0.0 0 €0.0 0 €0.00. Charges for Incoming Calls while Roaming €0.0 0 €21. 22 €63. 59 €0.0 0 €0.0 0 0.00. Total €171 €306 €255 €72. €41. €41.2. Charges for Mobile No.35679258074.76 .99 .02 79 20 0.

It-Tribunal, mehud in konsiderazzjoni x-xhieda u ddokumentazzjoni esebita u dak li nghad aktar fuq f'din is-sentenza huwa tal-fehma li l-ammonti hawn fuq imsemmija huma dovuti salv ghas-somma ta' wiehed ughoxrin euro u sebgha u disghin ċenteżmi ta' euro (€21.97) li tirrapreżenta nofs il-kirja ta' Awwissu, 2010 stante li s-servizz mis-socjeta rikorrenti twaqqaf f'dak izzmien.

Illi s-socjeta rikorrenti qeghda titlob ukoll is-somma ta' €270 li huwa l-ammont tal-Blackberry li kien ha l-intimat mis-socjeta rikorrenti mal-bidu tal-kuntratt. Is-socjeta rikorrenti tghid li dan l-ammont huwa dovut peress illi l-kuntratt ma giex onorat fl-intier tieghu.

It-Tribunal ra ddokument esebit a fol. 72 tal-process (dok. CF1), liema dokument fost affarijiet ohra jghid: "Should this subscription be terminated before two (2) years from the date of this agreement, GO Mobile reserves the right to charge a penalty equivalent to 100% of the credit given as phone discount, or the equivalent of €79 (with a €15 Access Fee), €100 (with a €20 Access Fee), €200 (with a €40 Access Fee) and €300 (with a €60 Access Fee) as a penalty when taking the discount on usage". Irrizulta li ssocjeta rikorrenti waqfet is-servizz moghti minnha lill-

intimat peress li huwa ma baqax ihallas il-kontijiet u ghalhekk konsegwentement, anke dan l-ammont huwa dovut.

Illi l-intimat fit-tieni eċċezzjoni u fit-tielet eċċezzjoni jghid li l-kont qatt ma gie ġustifikat minkejja li huwa kien talab spjegazzjoni ghal darba darbtejn lis-socjeta rikorrenti u li huwa kien talabha sabiex taghmel il-verifiki fuq il-kont tieghu pero r-rizultat ta' din il-verifika qatt ma saret jew jekk saret qatt ma waslet ghand l-intimat.

It-Tribunal ra d-dokumentazzjoni esebita mill-istess intimat permezz tan-nota minnu mressqa fis-7 ta' Novembru, 2012, mill-liema dokumentazzjoni jirrizulta proprju l-oppost. Jirrizulta li kien hemm korrispondenza ghaddejja permezz ta' emails bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimat fuq id-diffikultajiet li beda jirriskontra l-istess intimat ghar-rigward tal-kontijiet li beda jirċievi. Sahansitra kien hemm inkontru bejn ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti u l-intimat. Ghalhekk anke dawn l-eccezzjonijiet ma jsibux sostenn.
Kif diġa inghad aktar il-fuq, it-talba tas-socjeta rikorrenti hija ġustifikata u konsegwentement, it-tribunal sejjer jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma mitluba mill-istesssoċjeta rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' elf mija sitta u tletin euro u disgha u disghin ċenteżmi ta' euro (€1,136.99) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra uffiċjali datata 4 ta' Frar, 2011 maghmula a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jithallsu mill-intimat.

**Rat** li l-intimat Martin Vella interpona appell mill-imsemmija sentenza quddiem din il-Qorti stante li hass ruhu aggravat biha.

**Rat** ir-rikors ta’ l-Appell ta’ l-appellant Martin Vella fejn gie sottomess:-

1. Illi b’Avvizipprezenat fil-15 ta’ Lulju 2011 is-Socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf, mija u sitta u tletin euro u disa u disghajn centezmi (€1,136.99c) in konnessjoni ma’ servizzi ta’ kommunikazzjoni, numru tal-kont A/c 51010587, moghtija mis-Socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mkibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata l-4 ta’ Frar 2011 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

2. Illi b’Risposta tieghu ipprezentata fl-10 ta’ Awissu 2011 il-konvenut qal 1) Illi parti mill-kont mitlub jirreferi ghall-uzu tas-servizz barra minn Malta dwar liema mpjegati tas-Socjeta’ rikorrenti kienu qalulu li ma kienx hemm spejjez addizzjonali peress illi l-kuntratt li kellu kien ikopri dan is-servizz. Wara applikawlu rata ghas-servizz moghti barra minn Malta. 2) Illi l-kont qatt ma gie gustifikat. 3) Illi s-Socjeta’ attrici kienet qalet li qed taghmel id-debita verifika pero’ r-rizultat ta’ din il-verifika qatt ma saret jew jekk saret qatt ma waslet ghandu.

3. Illi l-fatti li taw lok ghal dina l-kawza kienu dawn: Illi l-esponent dahal f’kuntratt mas-Socjeta’ attrici fil-31 ta’ Dicembru 2009 fejn inghata mobile Blackberry Curve. Fuq il-kuntratt kienu qalulu illi r-rati ta’ l-uzu tal-mobile barra minn Malta kellu jkun l-istess bhar-rati ghall-uzu f’Malta. Pero’ mhux hekk gara. Is-Socjeta’ attrici applikat rati aktar gholja ghall-uzu tal-mobile barra minn Malta.

4. Illi b’sentenza tat-18 ta’ Frar 2013 moghtija fil-kawza fl-istess ismijiet premessi t-Tribunal tat-Talbiet Zghar fil-waqt li cahad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimat laqa’ talba tas-Socjeta’ rikorrenti fl-ammont ta’ €1,136.99c bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u ta’ l-ittra ufficjali datata l-4 ta’ Frar 2011 maghmula a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jithallsu mill-intimat.

5. Illi l-esponent huwa aggravat mill-imsemmija sentenza tat-18 ta’ Frar 2013 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi u qieghed jinterponi umili appell minnha.

6. Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti tlett aggravji:

7. **L-EWWEL AGGRAVJU** - Illi t-Tribunal ikkonkluda hazin meta accetta l-kont tas-Socjeta’ attrici u b’hekk accetta li r-rati li kellhom jigu applikati ghall-uzu barra minn Malta tal-mobile Blackberry kellhom ikunu aktar ghola minn dawk ghall-uzu tal-mobile f’Malta. Meta l-esponent appellant iffirma l-kuntratt fil-31 ta’ Dicembru 2009 l-impjiegati tal-Kumpanija kienu qalulu li peress li huwa kien bil-kuntratt ir-rati applikabbli ghall-uzu tal-mobile kemm f’Malta u kif ukoll barra minn Malta kellhom ikunu l-istess, u fil-fatt fil-kuntratt l-impjiegat kien ittikja l-kaxxa “BIS Local + EU Roaming” (Ara fol. 26) li qallu li tfisser proprjament li r-rati kellhom ikunu l-istess kemm ghal Malta u kif ukoll ghal barra. Effettivament ma garax hekk ghax meta l-esponent siefer u uza l-mobile barra minn Malta huwa gie ccargjat ghal rati ferm aktar ghola (Ara x-xhieda ta’ Anthony Slater a fol. 70). Meta wiehed jikkolkla ghalhekk ir-rati lokali li suppost gew applikati ghall-uzu tal-Blackberry barra minn Malta jsib illi hemm overcharging ta’ €394.48c (Ara r-riferenzi Dok. “AS2”, “AS3”fix-xhieda in kontro-ezami ta’ Anthony Slater a fol. 70).

8. **IT-TIENI AGGRAVJU** - Illi t-Tribunal ma kellhux jaccetta l-impozizzjoni tal-penali ta’ €270 li jirrapprezenta l-prezz tal-Blackberry u dana allegatament peress illi l-esponent ma kienx onora l-kuntratt fl-intier tieghu (Ara x-xhieda ta’ Simone Ellul a 20). Mhux biss l-mobile kellu discount ta’ €100 (Ara fol. 74), talli l-esponent kien kull xahar qed ihallas ghar-renta tal-mobile Blackberry (Ara l-kontijiet esibiti – per ezempju Dok. “AS4” a fol. 53, u Dok. “AS5” a fol. 59 – “Charges for rental fees”), u noltre dan il-mobile kien gie ritornat lis-Socjeta’ attrici ghalkemm skond ix-xhieda ta’ l-istess Simone Ellul dan il-mobile mhux suppost li jigi ritornat (Ara fol. 21) naturalment ghax

kien qed ihallas ghalih f'renti ta' kull xahar. Imbghad, l-esponent jidhirlu li kien altru minn gustifikat li ma jkomplix il-kuntratt meta huwa hassu "imqarraq" li gie ccargjat rati aktar ghola minn dawk li kien qallu r-rapprezentant tal-Kumpanija fuq l-iffirmar tal-kuntratt. L-esponent kellu ghalhekk raguni li tezentah minn dik il-penali (Ara "Vanguard Billard Tables Ltd –vs- Zurrieq Football Club", Appell Inf/PhS, 22 ta' Gunju 2005).

9. **IT-TIELET AGGRAVJU** - Illi t-Tribunal ma kellhux jikkundanna lill-esponent ihallas l-ispejjez ta' l-Ittra Ufficjali ta' l-4 ta' Frar 2011 mibghuta a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 16 meta din lanqas biss giet esibita in atti.

Ghal dawn il-motivi kollha l-appellant qed jitlob li dina l-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellatta moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-18 ta' Frar 2013 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi u minflok tilqa' t-talbiet u l-aggravji ta' l-esponent appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-Socjeta' attrici appellanti.

**Rat** ir-risposta tas-socjeta appellata Mobisle Communications Limited fejn gie espost:-

Illi l-esponenti tissottometti li s-sentenza appellata hija wahda gusta u jisthoqilha konferma peress li kif jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet maghmula mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija rreferit dettaljatament ghall-provi prodotti mill-partijiet u fuqhom ibbazza l-konkluzjonijiet tieghu.

Illi l-argumenti migjuba mill-appellant diga gew imressqa quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar izda wara li gew kkonsidrati ma wasslux lill-istess li taqbel mat-tezi ta' l-appellant.

Ghaldaqstant gie sotomess li l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti kif kompilati mit-Tribunal.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-18 ta' Frar 2013 li biha gew michuda l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat appellant u konsegwentement gew akkolti t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti appellata u b'hekk l-intimat appellant gie kkundannat ihallas l-ammont mitlub u cioe' s-somma ta' elf mija sitta u tletin euro u disgha u disghin ċenteżmi (€1,136.99) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur u dana bl-imghaxijiet kif mitluba. Inoltre t-Tribunal ikkundanna lill-appellant ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

Ir-rikors promotur li ta' bidu lil dawn il-proceduri gie presentat mis-socjeta' appellata fil-15 ta' Lulju 2011 u fih is-socjeta' appellata talbet il-hlas da parti tal-intimat appellant tas-somma ta' elf, mija u sitta u tletin euro u disa u disghajn centezmi (€1,136.99) in konnessjoni ma' servizzi ta' kommunikazzjoni fir-rigward tan-numru tal-kont A/c 51010587. Da parti tieghu l-appellant ikkontesta din it-talba stante li qed isostni li parti mill-ammont mitlub jirreferi ghall-servizz li hu kien gie assigurat minn impjegati tas-socjeta' appellata li ma kienx sr jigi mitlub hlas tieghu peress li tali servizz kien kopert mill-kuntratt li ghamel mal-appellati. Dawn is-servizzi kienu dwar telefonati minn barra minn Malta. Huwa eccepixxa ukoll li l-kont in kwestjoni ma giex gustifikat mill-appellati u qatt ma saru verifiki dwar l-istess kont.

Effettvament l-appellant jammetti li kien inghata cellulari b'xejn (Blackberry Curve) mis-socjeta' appellata meta kien iffirma il-kuntratt in kwestjoni. L-appellant isostni li impjegati tas-socjeta' appellata kienu qalulu illi r-rati ta' l-uzu tal-mobile barra minn Malta kellu jkun l-istess bhar-rati ghall-uzu minn Malta. Skond l-appellant gara li gew

applikati rati oghla ghall-uzu tal-mobile meta kien barra minn Malta.

Minn ezami tal-aggravji tal-appellant jirrizulta li dawn jirreferu ghal kwestjonijiet ta' fatt li gew decizi mit-Tribunal. Diversi drabi gie ritenut li Qorti ta' revizjoni m'ghandix tbiddel jew tvarja l-gudizzju tal-ewwel Qorti jew Tribunal dwar kwestjonijiet ta' fatt kemm il-darba ma jirrizultax b'mod lampanti li l-ewwel Qorti kienet kompletament zbaljata fil-gudizzju taghha jew li l-apprezzament tal-fatti tal-ewwel Qorti kien ibbazat fuq fatti li in effett ma jirrizultawx mill-provi prodotti. Ma hemmx dubju li huma decizjonijiet ta' fatt liema rati kellhom jigu applikati ghall-uzu tac-cellulari minn barra minn Malta u jekk tali rati setghux ikunu oghla minn rati ghall-uzu tal-cellulari f'Malta. Biex it-Tribunal wasal ghall-konkluzjonijiet ma ghamel ebda evaluazzjoni zbaljata tal-fatti u lanqas ma bbaza l-konkluzjoni li wasal ghaliha fuq fatti li ma jirrizultawx.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju ma saret ebda sottomissjoni ta' natura legali. Ma gietx ippruvata b'mod sufficjenti l-allegazzjoni tal-appellant li hu kien gie infumat minn impjegati tas-socjeta' appellata, qabel ma ffirma l-kuntratt, li r-rati ghal telefonati minn barra minn Malta kienu ser ikunu l-istess bhal dawk tat-telofonati minn Malta. Lanqas ma jirrizulta li l-kliem "BIS Local + EU Roaming" ifissru appunti li ir-rati applikabbli kienu l-istess.

L-istess jista jinghad ghat-tieni aggravju tal-appellant u cioe' li t-Tribunal zbalja meta accetta li kellha tithallas mill-appellant il-penali ta' €270 rappresentanti l-prezz tal-cellulari li kien gie moghti minnghajr hlas lill-appellant meta gie iffimat il-kuntratt in kwestjoni. In effett is-socjeta' appellanti ssostni li l-appellant ma onorax l-kuntratt kollu u ghalhekk kienet qed titlob li tigi imposta din il-penali. L-uniku argument tal-appellant fir-ruigward tat-tieni aggravju tieghu hu li l-mobile effettivament gie ritornat lis-Socjeta' attrici. L-appellant isostni li kien gustifikat li ma jkomplix il-kuntratt. L-appellant jghid li kien gie imqarraq biex jiffirma l-kuntratt mas-socjeta' appellata u ghlhekk ma kellux jigi mgieghel ihallas l-imsemmija penali. Kif gia gie konkluz

ma jirrizulta ebda qerq imputabbli lis-socjeta' appellata fir-rigward tal-firma tal-kuntratt. Kif gia ntqal ma jirrizultax sufficjentyement li impjegati tas-socjeta' appellata uzaw mezzi impropji biex igghielu lill-appellant jiffirma.

Fit-tielet aggravju l-appellant isostni li t-Tribunal ma kellhux jikkundannah ihallas l-ispejjez ta' l-ittra Ufficjali ta' l-4 ta' Frar 2011 mibghuta a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.16 stante li l-istess ittra ma gietx esibita f'dawn il-proceduri. Hu ovvju li l-imsemmija ittra hi att tal-Qorti u ghalhekk ma hemmx il-htiega li tigi esibita. L-appellant mhux qed isostni li din l-ittra in effett ma gietx presentata jew li ma gietx notifikata lilu. Ma jirrizultax li b'xi mod meta t-Tribunal iddecieda dwar il-kap tal-ispejjez hemm xi irregolarita' jew li tali decizjoni tmur kontra l-ligi.

Ma jirrizultax li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi u tal-fatti rizultanti u kwindi din il-Qorti ta' revizjoni m'ghandix tbiddel l-istess apprezzament.

In vista ta' dak kollu li gie premess dan l-appell jimmerita li jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellant Martin Vella u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha u cioe' s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-18 ta' Frar 2013 fl-ismijiet premessi.

L-ispejjez tal-appell jithallsu kollha  mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------